2025/2629

19.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2629

tat-18 ta' Diċembru 2025

li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 li jistabbilixxi miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard għad-deni tal-ħnieżer Afrikan u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2489 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza interim b'rabta mad-deni tal-ħnieżer Afrikan fi Spanja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra/kkunsidrat/kkunsidraw (i)t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 71(3) u 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-deni tal-ħnieżer Afrikan huwa marda virali infettiva li taffettwa lill-annimali porċini miżmuma u selvaġġi u li jista' jkollha impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernata u fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-annimali, u dan jikkawża tfixkil fil-movimenti tal-konsenji ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet ta' dawk il-konsenji lejn il-pajjiżi terzi.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u definit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882. B'mod partikolari, l-Artikoli 63 sa 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu ċerti miżuri li jridu jittieħdu fil-każ ta' konferma uffiċjali ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A fl-annimali selvaġġi, inkluż id-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini selvaġġi. B'mod partikolari, dawk id-dispożizzjonijiet jipprevedu l-istabbiliment ta' żona infettata u l-projbizzjonijiet fuq il-movimenti tal-annimali selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati u tal-prodotti li joriġinaw minnhom.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/594 ([3]) jistabbilixxi miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard għad-deni tal-ħnieżer Afrikan li għandhom jiġu applikati għal perjodu ta' żmien limitat mill-Istati Membri li huma elenkati, jew li għandhom żoni elenkati, fl-Annessi I u II tiegħu. Dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jistabbilixxi regoli, fost l-oħrajn, dwar l-elenkar fil-livell tal-Unjoni taż-żoni ristretti I, II u III fl-Anness I tiegħu wara t-tifqigħat tad-deni tal-ħnieżer Afrikan, u regoli dwar l-elenkar fil-livell tal-Unjoni fl-Anness II tiegħu, wara tifqigħa ta' dik il-marda fi Stat Membru jew f'żona li qabel kienu ħielsa mill-mard.

(4) Barra minn hekk, fil-każ ta' tifqigħa tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini selvaġġi fi Stat Membru, l-Artikolu 3, il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 jipprevedi l-istabbiliment ta' żona infettata mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru, f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(5) Spanja infurmat lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fit-territorju tagħha wara l-konferma ta' tifqigħa ta' dik il-marda fl-annimali porċini selvaġġi fil-Komunità Awtonoma tal-Katalonja fit-28 ta' Novembru 2025. Din it-tifqigħa seħħet, b'mod iktar preċiż, fil-provinċja ta' Barcelona f'żona li qabel kienet ħielsa minn din il-marda. L-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru stabbiliet żona infettata f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, li fiha jiġu applikati l-miżuri ġenerali ta' kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, biex jiġi evitat aktar tixrid ta' dik il-marda.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI:. http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/594 tas-16 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard għad-deni tal-ħnieżer Afrikan u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/605 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/594/oj).

(6) Wara dik in-notifika ta' tifqigħa, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2489 ([4]) dwar miżuri ta' emerġenza interim b'rabta mad-deni Afrikan tal-ħnieżer fi Spanja. Dik id-deċiżjoni tipprevedi, fost ħwejjeġ oħra, li Spanja tapplika l-miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard applikabbli għaż-żoni ristretti II kif imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, u l-miżuri ta' kontroll tal-mard previsti fl-Artikolu 8(3) u (4) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, fiż-żoni elenkati bħala żona infettata fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, flimkien mal-miżuri ta' kontroll tal-mard stabbiliti fl-Artikoli 63 sa 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Peress li fiha biss miżuri ta' emerġenza interim, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2489 ġiet adottata b'validità limitata sat-28 ta' Frar 2026.

(7) Fil-każ tal-ewwel tifqigħa tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini selvaġġi fi Stat Membru jew f'żona preċedentement ħielsa mill-mard, l-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 jipprevedi l-elenkar ta' dik iż-żona bħala żona infettata fil-Parti A tal-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Minħabba f'hekk, iż-żona infettata stabbilita mill-awtorità kompetenti ta' Spanja fil-Komunità Awonoma tal-Katalonja, fil-provinċja ta' Barċellona fi Spanja jenħtieġ li tiġi elenkata fil-Parti A tal-Anness II ta dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2489 titħassar,

(8) Barra minn hekk, il-Polonja infurmat lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fit-territorju tagħha wara l-konferma ta' tifqigħa ta' dik il-marda fl-annimali porċini selvaġġi fir-reġjun ta' Łódzkie fid-9 ta' Diċembru. Dik it-tifqigħa seħħet f'żona li qabel kienet ħielsa minn dik il-marda. L-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru stabbiliet żona infettata f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, li fiha jiġu applikati l-miżuri ġenerali ta' kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, biex jiġi evitat aktar tixrid ta' dik il-marda.

(9) Fil-każ tal-ewwel tifqigħa tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini selvaġġi fi Stat Membru jew f'żona preċedentement ħielsa mill-mard, l-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 jipprevedi l-elenkar ta' dik iż-żona bħala żona infettata fil-Parti A tal-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Minħabba f'hekk, iż-żona ristretta stabbilita mill-awtorità kompetenti tal-Ġermanja fl-istat ta' Hesse fil-Ġermanja jenħtieġ li tiġi elenkata fil-Parti B tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594.

(10) L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 ġie emendat l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2388 ([5]), wara l-bidliet fis-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-Ungerija, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Litwanja u l-Polonja.

(11) Mid-data tal-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2388 'l hawn, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja nnotifikaw lill-Kummissjoni b'tifqigħat ġodda tad-deni tal-ħnieżer Afrikan f'annimali porċini selvaġġi. Fl-istess ħin, is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini selvaġġi u miżmuma tjiebet f'ċerti żoni tal-Latvja u tal-Polonja.

(12) Il-bidliet fl-elenkar taż-żoni ristretti I, II u III fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 iridu jkunu bbażati fuq is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fiż-żoni affettwati minn dik il-marda, is-sitwazzjoni epidemjoloġika kumplessiva tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-Istat Membru kkonċernat, u l-livell tar-riskju li dik il-marda tkompli tinxtered. Iż-żoni ristretti jiġu stabbiliti wkoll fuq prinċipji u kriterji maqbula xjentifikament għad-definizzjoni ġeografika tat-tqassim f'żoni minħabba l-preżenza tad-deni tal-ħnieżer Afrikan kif stabbilit fl-Avviż tal-Kummissjoni rigward il-linji gwida dwar il-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-Unjoni (linji gwida tal-ASF) ([6]), kif ukoll billi jitqiesu l-istandards internazzjonali, bħall-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH, World Organisation for Animal Health), u l-ġustifikazzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għat-tqassim f'żoni.

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2489 tat-3 ta' Diċembru 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza *interim* b'rabta mad-deni tal-ħnieżer Afrikan fi Spanja (ĠU L, 2025/2489, 4.12.2025, http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/2489/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2388 tal-24 ta' Novembru 2025 li jemenda l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 li jistabbilixxi miżuri speċjali tal-kontroll tal-mard għad-deni tal-ħnieżer Afrikan, ĠU L, 2025/2388, 25.11.2025, http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2388.oj).

([6]) ĠU C, C/2023/1504, 18.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1504/oj.

(13) F'Lulju 2025 ġiet osservata tifqigħa tad-deni tal-ħnieżer Afrikan f'annimal porċin selvaġġ fil-Kontea ta' Pest fl-Ungerija, f'żona li bħalissa hi elenkata bħala żona ristretta II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 imma qrib ħafna ta' żona li bħalissa hi elenkata bħala żona ristretta I f'dak l-Anness. Din it-tifqigħa l-ġdida tad-deni tal-ħnieżer Afrikan f'annimal porċin selvaġġ tikkostitwixxi livell ogħla ta' riskju, għalhekk issa jenħtieġ li ż-żona tal-Ungerija, li bħalissa hija elenkata bħala żona ristretta I minflok tiġi elenkata bħala żona ristretta II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, u barra minn hekk jenħtieġ li l-konfini attwali taż-żoni ristretti I u II jiġu definiti mill-ġdid biex titqies dik it-tifqigħa.

(14) Barra minn hekk, f'Diċembru 2025, ġew osservati żewġ tifqigħat tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini selvaġġi fir-reġjun ta' Emilia-Romagna fl-Italja, f'żona li bħalissa hija elenkata bħala żona ristretta I fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594. Dawn it-tifqigħat il-ġodda tad-deni tal-ħnieżer Afrikan f'annimali porċini selvaġġi jikkostitwixxu livell ogħla ta' riskju, u għalhekk issa jenħtieġ li ż-żona tal-Italja, li bħalissa hija elenkata bħala żona ristretta I u li hija affettwata minn dawk it-tifqigħat riċenti, minflok tiġi elenkata bħala żona ristretta II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, u barra minn hekk jenħtieġ li l-konfini attwali taż-żoni ristretti I u II jiġu definiti mill-ġdid biex jitqiesu dawk it-tifqigħat.

(15) Barra minn hekk, f'Novembru 2025 ġiet osservata tifqigħa tad-deni tal-ħnieżer Afrikan f'annimal porċin selvaġġ fil-Kontea ta' Rigas fil-Latvja, f'żona li bħalissa hi elenkata bħala żona ristretta II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 u li però tinsab qrib ħafna ta' żona li bħalissa hi elenkata bħala żona ristretta I f'dak l-Anness. Din it-tifqigħa l-ġdida tad-deni tal-ħnieżer Afrikan f'annimal porċin selvaġġ tikkostitwixxi livell ogħla ta' riskju, għalhekk issa jenħtieġ li ż-żona tal-Latvja, li bħalissa hija elenkata bħala żona ristretta minflok tiġi elenkata bħala żona ristretta II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, u barra minn hekk jenħtieġ li l-konfini attwali taż-żoni ristretti I u II jiġu definiti mill-ġdid biex titqies dik it-tifqigħa.

(16) Barra minn hekk, f'Diċembru 2025, ġew osservati żewġ tifqigħat tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini selvaġġi fil-kontea ta' Panevezio fil-Litwanja, f'żona li bħalissa hija elenkata bħala żona ristretta I fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594. Dawn it-tifqigħat il-ġodda tad-deni tal-ħnieżer Afrikan f'annimali porċini selvaġġi jikkostitwixxu livell ogħla ta' riskju, u għalhekk issa jenħtieġ li ż-żona tal-Litwanja, li bħalissa hija elenkata bħala żona ristretta I u li hija affettwata minn dawk it-tifqigħat riċenti, minflok tiġi elenkata bħala żona ristretta II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, u barra minn hekk jenħtieġ li l-konfini attwali taż-żoni ristretti I u II jiġu definiti mill-ġdid biex jitqiesu dawk it-tifqigħat.

(17) Barra minn hekk, f'Novembru fil-Polonja ġew osservati bosta każijiet tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini selvaġġi fir-Reġjuni ta' Kujawsko-Pomorskie, Podlaskie u Zachodniopomorskie fil-Polonja, f'żoni li bħalissa huma elenkati bħala żoni ristretti I fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594. Dawn it-tifqigħat il-ġodda tad-deni tal-ħnieżer Afrikan f'annimali porċini selvaġġi jikkostitwixxu livell ogħla ta' riskju, u għalhekk issa jenħtieġ li ż-żoni tal-Polonja, li bħalissa huma elenkati bħala żoni ristretti I u li huma affettwati minn dawk it-tifqigħat, minflok jiġu elenkati bħala żoni ristretti II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, u barra minn hekk jenħtieġ li l-konfini attwali taż-żoni ristretti I u II jiġu definiti mill-ġdid biex jitqiesu dawk it-tifqigħat.

(18) Flimkien ma' dan, f'Novembru u f'Diċembru 2025, fil-Polonja, ġew osservati diversi tifqigħat tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini selvaġġi fir-reġjuni ta' Łódzkie, Pomorskie u Zachodniopomorskie fil-Polonja, f'żoni li bħalissa huma elenkati bħala żoni ristretti II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, iżda li jinsabu qrib ħafna ta' żoni li bħalissa huma elenkati bħala żoni ristretti I f'dak l-Anness. Dawn it-tifqigħat il-ġodda tad-deni tal-ħnieżer Afrikan f'annimali porċini selvaġġi jikkostitwixxu livell ogħla ta' riskju, għalhekk issa jenħtieġ li ż-żoni tal-Polonja, li bħalissa huma elenkata bħala żoni ristretti I, minflok jiġu elenkati bħala żoni ristretti II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, u barra minn hekk jenħtieġ li l-konfini attwali taż-żoni ristretti I u II jiġu definiti mill-ġdid biex jitqiesu dawk it-tifqigħat.

(19) Barra minn hekk, abbażi tal-informazzjoni u tal-ġustifikazzjoni pprovduti mil-Latvja, u filwaqt li titqies l-effettività tal-miżuri ta' kontroll tal-mard għad-deni tal-ħnieżer Afrikan għall-annimali porċini miżmuma f'ċerti żoni ristretti III elenkati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, li qed jiġu applikati minn dak l-Istat Membru f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikoli 22, 25 u 40 tiegħu, u f'konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji għad-deni tal-ħnieżer Afrikan stabbiliti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tad-WOAH, issa jenħtieġ li ċerti partijiet mill-kontej ta' Mārupes u Talsu fil-Latvja, li bħalissa huma elenkati bħala żoni ristretti III fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, minflok jiġu elenkati bħala żoni ristretti II f'dak l-Anness, minħabba n-nuqqas ta' tifqigħat tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini miżmuma f'dawk iż-żoni ristretti III għal dawn l-aħħar 3 xhur, filwaqt li l-marda għadha preżenti fl-annimali porċini selvaġġi.

(20) Flimkien ma' dan, abbażi tal-informazzjoni u tal-ġustifikazzjoni pprovduti mill-Polonja, u filwaqt li titqies l-effettività tal-miżuri ta' kontroll tal-mard għad-deni tal-ħnieżer Afrikan għall-annimali porċini miżmuma f'ċerti żoni ristretti III elenkati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, li qed jiġu applikati minn dak l-Istat Membru f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikoli 22, 25 u 40 tiegħu, u f'konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji għad-deni tal-ħnieżer Afrikan stabbiliti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tad-WOAH, issa jenħtieġ li ċerti partijiet mir-reġjuni ta' Lubelskie u Zachodniopomorskie fil-Polonja, li bħalissa huma elenkati bħala żoni ristretti III fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, minflok jiġu elenkati bħala żoni ristretti II f'dak l-Anness, minħabba n-nuqqas ta' tifqigħat tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini miżmuma f'dawk iż-żoni ristretti III għal dawn l-aħħar 3 xhur, filwaqt li l-marda għadha preżenti fl-annimali porċini selvaġġi.

(21) Ulterjorment, abbażi tal-informazzjoni u tal-ġustifikazzjoni pprovduti mill-Polonja, u filwaqt li titqies l-effettività tal-miżuri ta' kontroll tal-mard għad-deni tal-ħnieżer Afrikan għall-annimali porċini selvaġġi f'żona ristretta II elenkata fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, li qed jiġu applikati minn dak l-Istat Membru f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikoli 64, 65 u 67 tiegħu, u f'konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għad-deni tal-ħnieżer Afrikan stabbiliti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tad-WOAH, issa jenħtieġ li parti mir-reġjun ta' Dolnośląskie fil-Polonja, li bħalissa hija elenkata bħala żona ristretta II fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, tiġi elenkata bħala żona ristretta I minħabba n-nuqqas ta' tifqigħat tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini miżmuma u selvaġġi f'dik iż-żona ristretta II għal dawn l-aħħar 12-il xahar.

(22) Fl-aħħar nett, abbażi tal-informazzjoni u tal-ġustifikazzjoni pprovduti mill-Polonja, u filwaqt li titqies l-effettività tal-miżuri ta' kontroll tal-mard għad-deni tal-ħnieżer Afrikan għall-annimali porċini selvaġġi f'ċerti żoni ristretti I elenkati fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, li qed jiġu applikati minn dak l-Istat Membru f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikoli 64, 65 u 67 tiegħu, u f'konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għad-deni tal-ħnieżer Afrikan stabbiliti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tad-WOAH, issa jenħtieġ li ċerti partijiet mir-reġjuni ta' Dolnośląskie, Małopolskie, Podkarpackie u Świętokrzyskie fil-Polonja, li bħalissa huma elenkati bħala żoni ristretti I fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, jitneħħew mil-lista li tinsab f'dak l-Anness, minħabba n-nuqqas ta' tifqigħat tad-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-annimali porċini miżmuma u selvaġġi f'dawk iż-żoni ristretti I għal dawn l-aħħar 12-il xahar.

(23) Għalhekk, sabiex jitqiesu dawk l-iżviluppi fis-sitwazzjoni epidemjoloġika li tikkonċerna d-deni tal-ħnieżer Afrikan fl-Unjoni, u biex jiġu miġġielda b'mod proattiv ir-riskji assoċjati mat-tixrid ta' dik il-marda, jenħtieġ li l-entrati għall-Ungerija, għall-Italja, għal-Latvja, għal-Litwanja u għall-Polonja fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 jiġu emendati kif xieraq.

(24) Barra minn hekk, iż-żona infettata, fil-Komunità Awtonoma tal-Katalonja, fil-provinċja ta' Barċellona fi Spanja jenħtieġ li tiġi elenkata fil-Parti A tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594.

(25) Peress li s-sitwazzjoni fir-rigward tad-deni tal-ħnieżer Afrikan hija dinamika ħafna fl-Unjoni, meta ġew demarkati dawk iż-żoni ristretti l-ġodda, tqieset ukoll is-sitwazzjoni epidemjoloġika fiż-żoni madwar dawk it-tifqigħat.

(26) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tad-deni tal-ħnieżer Afrikan, importanti li l-emendi tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594, b'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, jidħlu fis-seħħ mill-aktar fis.

(27) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594

L-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Tħassir tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2489

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2489 titħassar.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/594 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS I

ŻONI RISTRETTI I, II U III

PARTI I

1. **Il-Ġermanja**

Iż-żoni ristretti I li ġejjin fil-Ġermanja:

Bundesland Brandenburg:

— Landkreis Märkisch-Oderland:

— Gemeinde Bleyen-Genschmar mit Teilen der Gemarkungen Bleyen und Genschmar, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,

— Gemeinde Küstriner Vorland mit der Gemarkung Neu Manschnow und mit Teilen der Gemarkungen Gorgast, Manschnow und Küstrin-Kietz,

— Gemeinde Alt Tucheband mit Teilen der Gemarkung Rathstock,

— Gemeinde Reitwein mit Teilen der Gemarkung Reitwein,

— Il-Gemeinde Podelzig mit Teilen der Gemarkung Podelzig,

— Gemeinde Lebus mit Teilen der Gemarkungen Lebus und Wüste Kunersdorf,

— Stadt Bad Freienwalde mit den Gemarkungen Altglietzen, Hohenwutzen, Hohensaaten und mit Teilen der Gemarkungen Bralitz, Schiffmühle und Neuenhagen,

— Gemeinde Oderaue mit den Gemarkungen Neuküstrinchen, Neurüdnitz, Zäckericker Loose und mit Teilen der Gemarkungen Neuranft, Neuwustrow, Altwustrow, Neureetz und Altreetz,

— Gemeinde Neulewin mit der Gemarkung Güstebieser Loose und mit Teilen der Gemarkungen Neulietzegöricke, Karlshof, Kerstenbruch und Neulewin,

— Gemeinde Letschin mit Teilen der Gemarkungen Ortwig, Neubarnim, Zelliner Loose, Mehrin Graben, Ortwig Graben, Sophienthal, Kienitz und Groß Neuendorf, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,

— Gemeinde Zechin mit Teilen der Gemarkung Zechin,

— Landkreis Barnim:

— Gemeinde Lunow-Stolzenhagen,

— Gemeinde Parsteinsee,

— Gemeinde Oderberg,

— Gemeinde Liepe,

— Gemeinde Hohenfinow (nördlich der B167),

— Gemeinde Niederfinow,

— Gemeinde (Stadt) Eberswalde mit den Gemarkungen Eberswalde nördlich der B167 und östlich der L200, Sommerfelde und Tornow nördlich der B167,

— Gemeinde Chorin mit den Gemarkungen Brodowin, Chorin östlich der L200, Serwest, Neuehütte, Buchholz, Sandkrug östlich der L200,

— Gemeinde Ziethen,

— Landkreis Uckermark:

— Stadt Schwedt/Oder mit den Gemarkungen Briest, Passow, Schönow, Grünow, Schönermark, Landin nördlich der B2, Felchow westlich der B2,

— Gemeinde Angermünde mit den Gemarkungen Frauenhagen, Mürow, Angermünde nördlich und nordwestlich der B2, Dobberzin nördlich der B2, Kerkow, Welsow, Bruchhagen, Greiffenberg, Günterberg, Biesenbrow, Görlsdorf, Wolletz und Altkünkendorf,

— Gemeinde Zichow,

— Gemeinde Casekow mit den Gemarkungen Blumberg, Wartin, Luckow-Petershagen und den Gemarkungen Biesendahlshof und Casekow westlich der L272 und nördlich der L27,

— Gemeinde Hohenselchow-Groß Pinnow mit der Gemarkung Hohenselchow nördlich der L27,

— Gemeinde Tantow,

— Gemeinde Mescherin mit der Gemarkung Radekow, der Gemarkung Rosow südlich der K 7311 und der Gemarkung Neurochlitz westlich der B2,

— Gemeinde Gartz (Oder) mit der Gemarkung Geesow westlich der B2 sowie den Gemarkungen Gartz und Hohenreinkendorf nördlich der L27 und der B2 bis zur Kastanienallee, dort links abbiegend dem Schülerweg folgend bis Höhe Bahnhof, von hier in östlicher Richtung den Salveybach kreuzend bis zum Tantower Weg, diesen in nördlicher Richtung bis zu Stettiner Straße, diese weiter folgend bis zur B2, dieser in nördlicher Richtung folgend,

— Gemeinde Pinnow nördlich und westlich der B2,

— Landkreis Oder-Spree:

— Gemeinde Brieskow-Finkenheerd mit Teilen der Gemarkung Brieskow-Finkenheerd,

— Stadt Eisenhüttenstadt mit Teilen der Gemarkung Eisenhüttenstadt,

— Gemeinde Lawitz mit Teilen der Gemarkung Lawitz,

— Gemeinde Neißemünde mit den Gemarkungen Breslack, Coschen, Ratzdorf und Teilen der Gemarkung Wellmitz,

— Gemeinde Neuzelle mit der Gemarkung Steinsdorf und Teilen der Gemarkung Neuzelle,

— Gemeinde Vogelsang mit Teilen der Gemarkung Vogelsang,

— Gemeinde Wiesenau mit Teilen der Gemarkung Wiesenau,

— Gemeinde Ziltendorf mit Teilen der Gemarkung Ziltendorf,

— Teile der kreisfreien Stadt Frankfurt/Oder,

— Teile der kreisfreien Stadt Cottbus mit Teilen der Gemarkungen Kiekebusch, Kahren, Gallinchen und Groß Gaglow,

— Landkreis Spree-Neiße:

— Gemeinde Schenkendöbern mit Teilen der Gemarkungen Grano, Schenkendöbern, Atterwasch, Kerkwitz und Groß Gastrose,

— Gemeinde Guben mit Teilen der Gemarkungen Guben, Deulowitz und Schlagsdorf und der Gemarkung Bresinchen,

- Gemeinde Jänschwalde mit Teilen der Gemarkung Grießen,
- Stadt Forst mit Teilen der Gemarkungen Horno, Briesnig, Weißagk, Klein Bademeusel, Bohrau, Groß Bademeusel, Forst (Lausitz), Naundorf und Mulknitz,
- Gemeinde Groß Schacksdorf-Simmersdorf mit einem Teil der Gemarkung Groß Schacksdorf,
- Gemeinde Neiße-Malxetal mit einem Teil der Gemarkung Jerischke,
- Gemeinde Jämlitz-Klein Düben mit einem Teil der Gemarkung Jämlitz und der Gemarkung Klein Düben,
- Gemeinde Tschernitz mit einem Teil der Gemarkung Tschernitz und der Gemarkung Wolfshain,
- Gemeinde Döbern mit einem Teil der Gemarkung Döbern,
- Gmeinde Felixsee mit Teilen der Gemarkungen Bohlsdorf, Klein Loitz, Friedrichshain und Reuthen,
- Gemeinde Spremberg mit der Gemarkung Lieskau und Teilen der Gemarkungen Schönheide, Graustein, Spremberg, Terpe, Pulsberg und Jessen,
- Gemeinde Welzow mit den Gemarkungen Welzow, Haidemühl und Proschim,

— Landkreis Oberspreewald-Lausitz:

- Gemeinde Schipkau mit einem Teil der Gemarkung Hörlitz,
- Gemeinde Großräschen mit einem Teil der Gemarkung Allmosen,
- Teil der Gemeinde Frauendorf,
- Gemeinde Ruhland mit einem Teil der Gemarkung Arnsdorf,
- Gemeinde Hermsdorf mit Teilen der Gemarkungen Hermsdorf und Jannowitz,
- Teil der Gemeinde Kroppen,
- Gemeinde Ortrand mit der Gemarkung Ortrand und einem Teil der Gemarkung Burkersdorf,
- Gemeinde Großkmehlen mit Teilen der Gemarkungen Großkmehlen und Kleinkmehlen,
- Teil der Gemeinde Lindenau,
- Gemeinde Neu-Seeland mit einem Teil der Gemarkung Lieske,
- Teil der Gemeinde Hohenbocka,
- Teil der Gemeinde Grünewald,
- Gemeinde Schwarzbach mit einem Teil der Gemarkung Biehlen,
- Gemeinde Senftenberg mit den Gemarkungen Großkoschen, Kleinkoschen, Niemtsch, Hosena und Teilen der Gemarkungen Peickwitz, Brieske, Senftenberg, Reppist und Sedlitz,

Bundesland Sachsen:

— Landkreis Bautzen:

- Gemeinde Crostwitz mit den Gemarkungen Horka, Crostwitz, Caseritz, Prautitz,
- Gemeinde Elsterheide,
- Gemeinde Königswartha,

- Gemeinde Lohsa mit den Gemarkungen Driewitz Flur 1; Friedersdorf Flur 1; Hermsdorf Flure 1 bis 4; Koblenz Flure 2, 4 und 5; Litschen Flure 1 bis 5; Lohsa Flure 1 bis 3 und 12; Mortka Flure 1 und 2; Särchen Flure 1 bis 5; Steinitz Flure 1 bis 3; Weißig Flure 1 und 2; Weißkollm Flure 5 und 6,
- Gemeinde Nebelschütz mit der Gemarkung Piskowitz,
- Gemeinde Neschwitz,
- Gemeinde Oßling mit den Gemarkungen Döbra, Liebegast Flure 1 bis 3, Milstrich, Skaska, Trado,
- Gemeinde Puschwitz,
- Gemeinde Räckelwitz,
- Gemeinde Radibor mit den Gemarkungen Brohna, Droben, Lippitsch, Lomske/M, Luppa, Milkel, Quoos und Radibor,
- Gemeinde Ralbitz-Rosenthal,
- Gemeinde Stadt Lauta,
- Gemeinde Stadt Hoyerswerda,
- Gemeinde Stadt Wittichenau,

— Landkreis Görlitz:

- Gemeinde Hähnichen östlich des Verlaufes der B115,
- Gemeinde Horka,
- Gemeinde Kodersdorf östlich des Verlaufes B115 von Norden kommend bis Abzweig Schusterbergstraße, Zum Heinrichshof in südliche Richtung bis Abzweig Hochstraße, Hochstraße in südliche Richtung bis Torgaer Straße, Torgaer Str. in südliche Richtung bis Kunnersdorfer Straße, weiter entlang der Kunnersdorfer Straße in südliche Richtung,
- Gemeinde Königshain östlich des Verlaufes der Verbindungsstraße von Liebstein in südliche Richtung nach Königshain bis zum Abzweig der K8402 in östliche Richtung (Girbigsdorfer Straße), dann nördlich der K8402 in östliche Richtung,
- Gemeinde Krauschwitz i.d. O.L. östlich entlang der Straßenzüge B115/B156 nördlicher Teil (Jämlitzer Weg) bis Abzweig Forstweg, dann östlich entlang des Wildzaunes über Forstweg – Bautzener Straße – Waldstück „Drachenberge“ – S126 bis B115,
- Gemeinde Markersdorf südöstlich des Verlaufes der Verbindungsstraße zwischen K8402 und Thomas-Müntzer-Siedlung bis Schlesischer Weg, weiter entlang des nördlichen Verbindungsweges der Siedlung Am Schöps zur B6, auf der B6 in westliche Richtung bis zum Abzweig Am Schöps in Richtung Kirchmühle, südwestlich der Straße Am Schöps in Markersdorf bis zum Abzweig der Tennishalle und der folgenden Verbindungsstraße von der B6 nach Gersdorf in südöstliche Richtung, südlich dieser Verbindungsstraße bis zum Abzweig Richtung Gersdorf bis zur Straße Im Niederdorf, in Gersdorf südwestlich des nördlichsten Straßenverlaufs von Im Niederdorf über Feldstraße bis Im Oberdorf und Ortsstraße in südliche Richtung bis zur Kreuzung S 111, dann östlich des Verbindungsweges von S111 nach Friedersdorf bis Am Kieferberg und Kreuzung der K8403, östlich der K8403 in südliche Richtung,
- Gemeinde Mittelherwigsdorf östlich des Verbindungsweges zwischen Wittgendorf und Zittau bis zur K8636 (Geschwister Scholl-Straße), südlich der K8636 in westliche Richtung bis Abzweig Neue Straße, östlich Neue Straße bis Schillerstraße,
- Gemeinde Neißeaue,

— Gemeinde Olbersdorf östlich des Mittelweges (Verbindungsweg von Zittau bis Olbersdorfer Feldgrenzweg (Niederer Grüneplanweg)),

— Gemeinde Oybin südlich des Olbersdorfer Feldgrenzweges (Niederer Grüneplanweg) in westliche Richtung bis Waldweg, östlich des Verlaufes in südliche Richtung von Waldweg über Olbersdorfer Flügelweg entlang des Goldbachs bis zum Biersteig (Teufelsmühle) an der S133, östlich der S133 in südliche Richtung bis zum ersten Abzweig der Bürgerallee, östlich der Bürgerallee in südliche Richtung über den Fürstensteig bis Brandsteinweg, südlich des Brandsteinweges in Richtung Westen bis zur S133 (Kammstraße), östlich der S133 in südliche Richtung bis zur Landesgrenze,

— Gemeinde Rietschen östlich des Verlaufes der B115,

— Gemeinde Schönau-Berzdorf a. d. Eigen östlich der K8403 (Friedersdorfer Straße) in südliche Richtung zur S128 in Schönau Berzdorf a. d. Eigen, östlich der S128 in südliche Richtung bis Obere Straße und Abzweig am Klärwerk Kiesdorf, nördlich des Verbindungsweges Richtung Leuba bis Abzweig des Verbindungsweges in südliche Richtung zur S129, östlich des Ostritzer Stadtwaldes,

— Gemeinde Schöpstal östlich des Verlaufes der Kunnersdorfer Straße von Torga in südliche Richtung über Liebstein bis Richtung Königshain sowie östlich des Verlaufes der K8402 in südöstliche Richtung (Girbigsdorfer Straße) bis zum Abzweig der Verbindungsstraße in südliche Richtung zur Thomas-Müntzer-Siedlung, östlich der Verbindungsstraße zur Thomas-Müntzer-Siedlung,

— Gemeinde Stadt Bad Muskau östlich der Strecke B115 von Norden kommend bis zum Abzweig Weinbergweg,

— Gemeinde Stadt Bernstadt a. d. Eigen östlich des Ostritzer Stadtwaldes und des Klosterwaldes,

— Gemeinde Stadt Görlitz,

— Gemeinde Stadt Niesky östlich des Verlaufes der B115,

— Gemeinde Stadt Ostritz östlich des Verbindungsweges von der S128 Richtung Leuba bis Abzweig des Verbindungsweges in südliche Richtung zur S129, östlich des Ostritzer Stadtwaldes und des Klosterwaldes,

— Gemeinde Stadt Rothenburg/O.L.,

— Gemeinde Stadt Zittau östlich des Ostritzer Stadtwaldes bis zum Abzweig Grenzviebig, östlich des Grenzviebig in südliche Richtung bis zur Dorfstraße K8630, südlich K8630 in westliche Richtung bis zum Verbindungsweg Am Schloss in Schlegel, östlich dieses Verbindungsweges in südliche Richtung zur K8631, östlich des weiteren Verlaufs dieses Verbindungsweges von der K8631 in südliche Richtung über Wittgendorfer Feld bis zur K8633 (Hauptstraße), südlich der K8633 in westliche Richtung bis Abzweig Verbindungsweg Richtung Radgendorf und B178 zur K8636 (Geschwister Scholl-Straße) in Zittau, südlich der K8636 in westliche Richtung bis Abzweig Neue Straße, östlich der Zittauer Straßenverläufe in Richtung Süden über Neue Straße - Schillerstraße - Theaterring - Klosterstraße - Johannisstraße - Böhmische Straße - Hochwaldstraße - Mittelweg,

— Gemeinde Waldhufen nordöstlich der B115 sowie östlich des Wildzaunes entlang der Straßen Hochstraße und Zum Heinrichshof,

— Gemeinde Weißkeißel nördlich der S126 aus westlicher Richtung bis zur B115 und weiter östlich des Verlaufes der B115 in südliche Richtung,

Bundesland Mecklenburg-Vorpommern:

— Landkreis Vorpommern Greifswald:

— Gemeinde Penkun,

— Gemeinde Nadrensee,

— Gemeinde Krackow,

— Gemeinde Glasow,

— Gemeinde Grambow,

— Gemeinde Ramin mit der Gemarkung Bismark östlich der B113 bis Ortslage Linken, nordwestlich der Ortslage Linken nördlich der B104 (Flur 6) und nördlich Flur 6 in 500m Abstand zur deutsch-polnischen Grenze auf Flur 102 sowie 103 bis Gemeindegrenze Ramin-Blankensee,

— Gemeinde Blankensee mit der Gemarkung Blankensee nördlich der Gemeindegrenze Ramin-Blankensee in 1000 m Abstand zur deutsch-polnischen Grenze über die Fluren 5, 6 und 3 bis einschließlich Ortslage Blankensee sowie nördlich der Ortslage Blankensee zwischen der deutsch-polnischen Grenze bis 10 m westlich der Kreisstraße K81 bis Gemarkungsgrenze Blankensee-Pampow und der Gemarkung Pampow nördlich der Gemarkungsgrenze Blankensee-Pampow von der deutsch-polnischen Grenze bis 10 m westlich der Kreisstraße K81 bis einschließlich Ortslage Pampow sowie nordwestlich der Ortslage Pampow nördlich der Kreisstraße K80 mit den Fluren 8, 9, 101, 102, 103, 104, 106 sowie 7 (Ost),

— Gemeinde Hintersee mit der Gemarkung Hintersee mit den Fluren 1, 4 und 10,

— Gemeinde Luckow mit der Gemarkung Luckow mit den Fluren 2 und 6, mit der Gemarkung Rieth mit den Fluren 1, 2 und 3 sowie mit der Gemarkung Riether Werder mit der Flur 1,

— Gemeinde Altwarp-Fischerdorf mit der Gemarkung Altwarp mit den Fluren 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9 und 10,

— Gemeinde Vogelsang-Warsin mit der Gemarkung Vogelsang mit den Fluren 1, 2, 3 und 5,

Bundesland Hessen:

— Landkreis Rheingau-Taunus-Kreis:

— Teile der Gemeinde Taunusstein,

— Gemeinde Niedernhausen,

— Teile der Gemeinde Schlangenbad,

— Teile der Gemeinde Bad Schwalbach,

— Teile der Gemeinde Hohenstein,

— Teile der Gemeinde Idstein,

— Teile der Gemeinde Heidenrod,

— Teile der Gemeinde Oestrich-Winkel,

— Teile der Gemeinde Geisenheim,

— Gemeinde Rüdesheim,

— Teile der Gemeinde Lorch,

— Landkreis Hoch-Taunus-Kreis:

— Stadt Königstein im Taunus,

— Stadt Kronberg im Taunus,

— Stadt Steinbach (Taunus),

— Teile der Gemeinde Glashütten,

— Teile der Stadt Oberursel im Taunus,

- Landkreis Main-Taunus-Kreis:
  - Stadt Eppstein,
  - Stadt Kelkheim (Taunus),
  - Stadt Bad Soden am Taunus,
  - Gemeinde Liederbach am Taunus,
  - Gemeinde Sulzbach (Taunus),
  - Stadt Schwalbach am Taunus,
  - Stadt Eschborn,
  - Teile der Stadt Hofheim am Taunus,
- Stadt Offenbach am Main:
  - Teile des Stadtteils Rosenhöhe,
  - Teile des Stadtteils Tempelsee,
  - Teile des Stadtteils Buchrain,
- Landkreis Offenbach:
  - Teile der Stadt Dreieich,
  - Stadt Dietzenbach,
  - Teile der Stadt Neu-Isenburg,
  - Teile der Stadt Rödermark,
  - Stadt Heusenstamm,
  - Teile der Stadt Obertshausen,
  - Teile der Stadt Rodgau,
  - Teile der Gemeinde Hainburg,
  - Teile der Stadt Seligenstadt,
  - Teile der Gemeinde Mainhausen,
- Landkreis Odenwaldkreis:
  - Stadt Breuberg,
  - Gemeinde Höchst i. Odw.,
  - Teile der Gemeinde Lützelbach,
  - Teile der Stadt Bad König,
  - Gemeinde Brombachtal,
  - Teile der Gemeinde Brensbach,
  - Teile der Gemeinde Reichelsheim (Odenwald),
  - Gemeinde Mossautal,
  - Teile der Stadt Erbach,

- Teile der Stadt Michelstadt,
- Teile der Stadt Oberzent,

— Landkreis Darmstadt-Dieburg:

- Teile der Gemeinde Eppertshausen,
- Teile der Stadt Babenhausen,
- Teile der Gemeinde Münster (Hessen),
- Gemeinde Schaafheim,
- Teile der Stadt Groß-Umstadt,
- Teile der Gemeinde Otzberg,

— Landkreis Bergstraße:

- Teile der Gemeinde Fürth,
- Teile der Gemeinde Grasellenbach,
- Teile der Gemeinde Wald-Michelbach,
- Stadt Hirschhorn (Neckar),
- Gemeinde Michelbuch,
- Stadt Neckarsteinach,

— Stadt Wiesbaden:

- Ortsbezirk Wiesbaden-Rambach,
- Ortsbezirk Wiesbaden-Heßloch,
- Ortsbezirk Wiesbaden-Naurod,
- Teile des Ortsbezirkes Wiesbaden-Dotzheim,
- Teile des Ortsbezirkes Wiesbaden-Nordost,
- Teile des Ortsbezirkes Wiesbaden-Bierstadt,
- Teile des Ortsbezirkes Wiesbaden-Sonnenberg,
- Teile des Ortsbezirkes Wiesbaden-Kloppenheim,
- Teile des Ortsbezirkes Wiesbaden-Auringen,
- Teile des Ortsbezirkes Wiesbaden-Medenbach,
- Teile des Ortsbezirkes Wiesbaden-Klarenthal,

— Stadt Frankfurt am Main:

- Stadtteil Niederrad,
- Bezirk 32,
- Bezirk 33,
- Stadtteil Oberrad,
- Stadtteil Nied,
- Stadtteil Griesheim,

— Bezirk 16,

— Bezirk 15,

— Bezirk 9,

— Bezirk 10,

— Bezirk 17,

— Bezirk 18,

— Bezirk 11,

— Bezirk 1,

— Bezirk 12,

— Bezirk 13,

— Bezirk 14,

— Bezirk 19,

— Bezirk 20,

— Bezirk 21,

— Bezirk 22,

— Bezirk 23,

— Bezirk 24,

— Bezirk 25,

— Bezirk 26,

— Stadtteil Sossenheim,

— Stadtteil Nied,

— Stadtteil Rödelheim,

— Stadtteil Bockenheim,

— Stadtteil Praunheim,

— Stadtteil Hausen,

— Stadtteil Eschersheim,

— Stadtteil Eckenheim,

— Stadtteil Heddernheim,

— Stadtteil Niederursel F.,

— Stadtteil Niederursel H.,

— Teile des Stadtteils Wald,

— Teile des Stadtteils Schwanheim,

— Teile des Stadtteils Höchst,

— Teile des Stadtteils Unterliedbach,

Bundesland Rheinland-Pfalz:

— Landkreis Mainz-Bingen:
  — Stadt Bingen, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  — Gemeinde Münster-Sarmsheim,
  — Gemeinde Niederheimbach,
  — Gemeinde Trechtingshausen,
  — Gemeinde Waldalgesheim,
  — Gemeinde Weiler bei Bingen,
  — Gemeinde Appenheim,
  — Gemeinde Essenheim,
  — Gemeinde Stadecken-Elsheim,
  — Gemeinde Bubenheim,
  — Gemeinde Nieder-Hilbersheim,
  — Gemeinde Ober-Hilbersheim,
  — Gemeinde Ockenheim,
  — Gemeinde Engelstadt,
  — Gemeinde Jugenheim in Rheinhessen,
  — Gemeinde Aspisheim,
  — Gemeinde Gensingen,
  — Gemeinde Grolsheim,
  — Gemeinde Horrweiler,
  — Gemeinde Sankt Johann,
  — Gemeinde Sprendlingen,
  — Gemeinde Welgesheim,
  — Gemeinde Wolfsheim,
  — Gemeinde Zotzenheim,
  — Gemeinde Nieder-Olm, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
  — Gemeinde Ober-Olm, sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,
— Landkreis Alzey-Worms:
  — Gemeinde Partenheim,
  — Gemeinde Saulheim,
  — Gemeinde Udenheim,
  — Gemeinde Vendersheim,
  — Gemeinde Gau-Weinheim,
  — Gemeinde Wallertheim,

— Gemeinde Sulzheim,

— Gemeinde Wörrstadt,

— Gemeinde Schornsheim,

— Gemeinde Gau-Bickelheim,

— Gemeinde Armsheim,

— Gemeinde Ensheim,

— Gemeinde Spiesheim,

— Gemeinde Gabsheim,

— Gemeinde Gumbsheim,

— Gemeinde Wöllstein,

— Gemeinde Siefersheim,

— Gemeinde Eckelsheim,

— Gemeinde Flonheim,

— Gemeinde Biebelnheim,

— Gemeinde Bornheim,

— Gemeinde Lonsheim,

— Gemeinde Bermersheim v.d. Höhe,

— Gemeinde Albig,

— Stadt Alzey,

— Gemeinde Gau-Heppenheim,

— Gemeinde Mauchenheim,

— Gemeinde Freimersheim,

— Gemeinde Wahlheim,

— Gemeinde Kettenheim,

— Gemeinde Esselborn,

— Gemeinde Dintesheim,

— Gemeinde Eppelsheim,

— Gemeinde Hangen-Weisheim,

— Gemeinde Hochborn,

— Gemeinde Flomborn,

— Gemeinde Ober-Flörsheim,

— Gemeinde Gundersheim,

— Gemeinde Bermersheim,

— Gemeinde Mölsheim,

— Gemeinde Flörsheim-Dalsheim,

- Gemeinde Gundheim,
- Gemeinde Mörstadt,
- Gemeinde Wachenheim,
- Gemeinde Monsheim,
- Gemeinde Hohen-Sülzen,
- Gemeinde Offstein,

— Landkreis Bad Dürkheim:

- Stadt Bad Dürkheim östlich der S-Bahnlinie bis zur B 37, nördlich der B 37 und A 650,
- Stadt Grünstadt mit den Gemarkungen RLP. 853 und Gemarkung 1420 Asselheim,
- Gemeinde Dackenheim mit Gemarkung RLP. 2118,
- Gemeinde Ebertsheim,
- Gemeinde Freinsheim mit Gemarkung RLP. 1655,
- Gemeinde Herxheim am Berg,
- Gemeinde Kirchheim mit Gemarkung RLP. 191,
- Gemeinde Neuleiningen nördlich der L 453/Tiefenthaler Straße/Schlossberg/Sausenheimer Straße, nördlich der Mittelgasse und östlich der Verbindung zwischen Mittelgasse und Talstraße,
- Gemeinde Quirnheim,
- Gemeinde Weisenheim am Sand mit Gemarkung RLP. 806,
- Gemeinde Bockenheim,
- Gemeinde Dirmstein,
- Gemeinde Obrigheim,
- Gemeinde Kindenheim,
- Gemeinde Bissersheim,
- Gemeinde Ellerstadt in Teilen,
- Gemeinde Erpolzheim mit Gemarkung RLP. 1454,
- Gemeinde Gönnheim,
- Gemeinde Gerolsheim,
- Gemeinde Großkarlbach,
- Gemeinde Laumersheim,
- Gemeinde Obersülzen,
- Gemeinde Mertesheim,
- Gemeinde Sausenheim,
- Gemeinde Kleinkarlbach,

— Landkreis Rhein-Pfalz-Kreis:

  — Gemeinde Heuchelheim bei Frankenthal,

  — Gemeinde Heßheim,

  — Gemeinde Lambsheim,

  — Gemeinde Maxdorf,

  — Gemeinde Birkenheide,

  — Gemeinde Fußgönnheim,

  — Gemeinde Mutterstadt,

  — Gemeinde Limburgerhof,

  — Gemeinde Neuhofen,

  — Gemeinde Altrip,

  — Stadt Frankenthal (Pfalz), sofern nicht bereits Teil der Sperrzone II,

  — Gemeinde Otterstadt,

  — Gemeinde Schifferstadt: Gebiet im Westen an Grenze nach Böhl-Iggelheim das Gebiet nördlich der L454 bis zum Kurzgraben und dann dem Scheidegraben nach Süden folgend bis zur A 61 nach Süden folgend bis zum Staudamm Rehbach/ Neugraben. Dann dem Neugraben nach Südosten folgend der bebauten Grenze von Schifferstadt entlang bis zur Waldseer Straße im Osten folgend. Entlang der Waldseer Straße nach Osten bis zur südlichen Grenze des Kiesabgrabungsgebietes (Flurbezeichnung Heuplatte) folgend bis zum Ranschgraben. Dem Ranschgraben nach Nordosten folgend bis zur Gemeindegrenze Neuhofen,

  — Gemeinde Waldsee,

  — Stadt Ludwigshafen am Rhein, sofern nicht Teil der Sperrzone II,

  — Stadt Speyer, gesamtes Gebiet nördlich der AB61, sowie das Teichgebiet südlich der AB61, westlich begrenzt durch Spitzenreiherhofgraben und Franzosengraben, einschließlich Steinhäuserwühlsee, Wammsee und Kläranlage der Stadt Speyer,

— Landkreis Donnersbergkreis:

  — Gemeinde Ilbesheim,

  — Gemeinde Stetten,

  — Gemeinde Albisheim,

  — Gemeinde Einselthum,

  — Gemeinde Zellertal mit den Ortsteilen Zell, Harxheim und Niefernheim,

  — Gemeinde Bubenheim,

  — Gemeinde Immesheim,

  — Gemeinde Morschheim,

  — Gemeinde Rittersheim,

  — Gemeinde Gauersheim,

  — Gemeinde Ottersheim,

  — Gemeinde Rüssingen,

— Gemeinde Biedesheim,

— Gemeinde Lautersheim,

Bundesland Baden-Württemberg:

— Stadt Heidelberg:

— Gesamtes Stadtgebiet,

— Landkreis Rhein-Neckar-Kreis:

— Gemeinde Brühl,

— Stadt Schwetzingen,

— Gemeinde Plankstadt,

— Stadt Eppelheim,

— Gemeinde Ketsch,

— Gemeinde Oftersheim,

— Stadt Hockenheim,

— Stadt Leimen (Stadt),

— Stadt Leimen (St. Ilgen),

— Gemeinde Sandhausen,

— Gemeinde Gaiberg,

— Gemeinde Bammental,

— Stadt Neckargemünd,

— Gemeinde Wiesenbach,

— Gemeinde Schönau,

— Gemeinde Heddesbach,

— Gemeinde Schönbrunn (Schönbrunn),

